MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Numru 178/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**ANTON SCICLUNA**

**Illum 11 ta’ Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anton Scicluna, ta’ 35 sena, iben Angelo u Georgina nee` Camilleri, imwieled Luqa, fit-24.07.66, joqghod Antmar, Triq tal-Mahznier, Luqa, u detentur tal-karta tal-identita numru 302466(M), gie akkuzat:

Talli f’dawn il-Gzejjer, gol-Marsa, nhar id-29 t’ Awissu, 2001 u fix-xhur qabel din id-data,

a) kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizja, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta' Malta,

b) u talli kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizja, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta' Malta

c) fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess post hin u cirkostanzi u f’xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pusses tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu pistola semi-awtomatika kalibru .25 Auto, u minizzjno, li l-importazzjoni ta’ l-oggetti msemmija hija projbita u/jew ristretta, u li ghandhom valur totali ta’ Lm 33.30,0 dazju ta’ Lm 2.16,2 liema Dazju ma giex imhallas u’jew kawtelati bi ksur tal Artikolu 60 (a) (b) (c) (k), l’ Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), ta’ l’ Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Ligijiet ta' Malta.

d) ukoll fuq talba tal-Kummissarju tal- VAT, fl-istess post hin u cirkostanzi u f’xi data qabel instab li xjentement kellu fil pussess tieghu u/ jew taht il kontroll tieghu pistola semi-awtomatika kalibru .25 Auto, u munizzjno li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, u li ghandhom valur ta’ Lm 33.30.0 u dazju ta’ Lm 2.16,2 valur totali ta’ Lm 35.46,2 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ammonta ghal Lm 5.31,9 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 3 tal-Kap. 66, l-artikoli 60 (a), (b) u (c) u 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i) u (k) tal-Kap. 37 u l-artikolu 80 tal-Att Nru. XXIII ta' l-1998 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anton Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Anton Scicluna ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u Lm75 multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-imputat Anton Scicluna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Anton Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti fis-Seduta ta' llum mill-Ispettur Josric Mifsud bhala Dok. JM3, Dok. JM4 u Dok. JM5.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------